MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MAGRI ALBERT J.

Seduta ta' 02 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 3019/1996/1

Joseph Pace u l-istess Anton Tabone u Dr Joseph Pace ghal kull interess li ghandhom bhala konpartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti ezistenti mar-rispettivi nisa taghhom
Vs
Kummissarju tal-Art u l-Avukat Generali ghal kull interess li jista' jkollu.

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-18 ta' Ottubru 1996 li permezz taghha wara li l-atturi ppremettew illi l-konvenuti b'dikjarazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tal-4 ta' Mejju 1988 numru 350 hawn esebita u markata dok A, kien esproprja mill-porter tal-atturi il-proprjeta' maghrufa bhala x-Xaghra tal-Knisja fil-limiti tal-Imgar, Malta kif ahjar deskritta fl-annessi pjanti Dok B u C; illi dina l-istess art hija proprjeta' ta' l-atturi u ilha fil-pussess taghhom sa mis-seklu li ghadda; illi wara li sar dan l-esproprju l-art giet mill-istess awtoritajiet allokata lill-diversi persuni u mibnija u zviluppata; illi l-konvenuti ma ghamlu l-ebda att gudizzjarju

kontra l-atturi u qabdu u dahlu fl-istess art u haduha mill-pussess taghhom minghajr qabel ma nnotifikawhom b'ittra ufficjali kif trid il-ligi; illi dan l-esproprju kien abbusiv u diskriminatorju fil-konfront taghhom u f'dan ir-rigward l-atturi qieghdin jirrizervaw kull dritt lillhom spettanti skond il-ligi; illi sakemm l-atturi, b'ittra ufficjali tal- April 1996 interpellaw lill-konvenut Kummissarju tal-Art biex jinnotifikom bin-"notice to treat" skond il-ligi biex jigi stabbilit l-kumpens ghall-esproprju lilhom dovut dan baqa' ma ghamel xejn; talbu li din il-Qorti:-

1. tiffissa terminu qasir u perentorju f'liema l-konvenut ghandu jipprocedi billi jippresenta ittra ufficjali kontenenti u "notice to treat" rigward l-art fuq imsemmija.

Bl-isejjes u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti.

Rat in-nota tal-konvenuti tal-20 ta' Gunju 1997 li permezz taghha eccepew:-

1. illi l-Avukat Generali m'huwiex il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;
2. illi l-kawza hija vessatorja peress li l-esponent il-Kummissarju ta' l-Artijiet ma jistax johrog in-Notice to Treat qabel ma l-atturi jipprovaw it-titolu taghhom. Illi minkejja korrispondenza mibghuta mill-esponenti hawn ezebita u mmarkata Dok AZ, l-atturi naqsu li jressqu l-provi tat-titolu taghhom. Ghaldaqstant l-esponenti ma ghandhomx jbatu spejjes.
3. Illi t-talbiet attrici huma insostenibbli fil-ligi stante li l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal skopijiet Pubblici (Kap 88) ma jimponi ebda zmien jew terminu f'kemm l-esponent ghandu jaghmel dawk il-proceduri kif mitluba mill-atturi.
4. Illi ukoll taht il-Kap 88 hadd ma jista' jgieghel lill-esponent jiffinalizza l-procedura ta' esproprjazzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenuti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-14 ta' Ottubru 1997 quddiem din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tal-24 ta' Novembru 1997 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-15 ta' Marzu 2000 meta gie dikjarat mir-rappresentant tal-konvenut Kummissarju tal-Artijiet illi dakinhar stess kienet giet presentata in-"Notice to Treat".

Rat ukoll tal-15 ta' Mejju 2002 meta d-difensur tal-attur ddikjara li l-mertu kien ezawrit u li l-proceduri quddiem il-Land Arbitration Board kienu inbdew u ghalhekk il-kawza kienet thalliet ghas-sentenza fuq il-kap tal-ispejjes.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet.
Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Dawn il-proceduri huma limitati ghall-talba biex l-konvenut Kummissarju tal-Artijiet jinghata terminu qasir u perentorju biex jippresenta ittra ufficjali kontenenti "Notice to treat" dwar proprjeta' fl-Imgarr, Malta proprjeta' tal-atturi u li kienet giet esproprjata b'dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tal-4 ta' Mejju 1988.

Il-konvenut Kummissarju tal-Artijiet eccepixxa li huwa ma kienx f'posizzjoni li johrog tali "notice" qabel ma l-atturi jipprovaw t-titolu taghhom, haga li ma ghamlux minkejja talba specifika li saret lilhom skond ittra tat-13 ta' April 1996. Ghalhekk jghid l-konvenut huwa ma ghandux jbati spejjes ta' dawn il-proceduri.

Mill-fattispecie tal-kaz u mill-provi prodotti din il-Qorti hija tal-fehma li kien hemm nuqqas serju da parti tal-konvenut Kummissarju tal-Artijiet billi dan ma ottemperax ruhu mal-provedimenti tal-artikolu 9 tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta, infatti ghalkemm d-dikjarazzjoni tal-President kienet giet ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern, ma ngiebet ebda prova:-

1. Li saret il-pubblikazzjoni f'ghal anqas zewg gazzetti;

2. Li d-dikjarazzjoni giet imwahla fuq in-notice board tal-ghassa tal-Pulizija tar-rahal jew belt fejn tinsab l-art;
3. Li din id-dikjarazzjoni giet ipresentata fir-registru tal-Bord tal-Arbitragg;
4. Li sar xi tentattiv li s-sidien jigu notifikati skond ma jipprovdi l-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Inoltre l-artikolu 10 tal-istess Kap 88 jippreskrivi li meta s-sidien tal-art ma jkunux maghrufa, bhal ma qed jallega l-istess konvenut,- fatt li huwa kontradett mill-istess ittra tieghu Dok AZ tat-13 ta' April 1996 billi din hija indirizzata li wahda mis-sidien,- il-proceduri taht l-Kap 88 xorta wahda kellhom jimbdew kontra kuraturi mahtura mill-Prim Awla tal-Qorti Civili biex jirrapresentaw lis-sidien injoti.

Illi jidher li l-konvenut Kummissarju tal-Artijiet ghall-tmien snin shah ma ghamel xejn la biex jaccerta ruhu minn huma s-sidien tal-art, lanqas biex jigu istitwiti l-proceduri u l-kumpens determinat.

Dwar il-posizzjoni tal-Avukat Generali f'dawn il-proceduri qed jinghad li hu mhux legittimu kontradittur u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Effettivament l-artikolu 181B tal-Kap12 jipprovdi specifikatament li l-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni. Eccezzjonalment il-presenza tal-Avukat Generali hija mehtiega jew sahansitra huwa hu li ghandu r-rappresentanza tal-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li *minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern.*

Fil-kaz in ezami zgur li min-natura tal-materja quddiem din il-Qorti ma kienetx mehtiega l-presenza ta' l-Avukat Generali billi t-talba tikkoncerna biss lill-konvenut Kummissarju tal-Artijiet. L-avukat Generali kellu biss jigi notifikat bic-citazzjoni kif jipprovdi s-subinciz (3) tal-artikolu 181B u mhux jiddahhal fil-kawza. L-eccezzjoni ghalhekk hija gustifikata.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tillibera lill-konvenut Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjes kontra l-atturi, tiddikjara li l-meritu llum huwa ezawrit u tipprovdi dwar il-kap tal-ispejjes billi tordna li dawn, hlief ghal dawk li jikkoncernaw l-Avukat Generali, jigu sopportati mill-konvenut Kummissarju tal-Artijiet.

Onor Imhallef Albert J. Magri